# IL-QALA TAL-QEDEM

minn A. Buttigieg P.E.P



*Impressjoni artistika minn arkeoloġista tat-Tempju Neolitiku tal-Qala, li llum fadal biss minnu il-"corner stone" tiegħu, magħrufa bħala "Il-Ġebla l-Wieqfa"*

**L-istorja tal-Qala tal-qedem tinqasam l-aktar f'żewġ partijiet prinċipali, jiġifieri dik il-parti neolitika ta' żmien it-tempji (3600-2500 Q.K.) u l-parti Punika ta' żmien il-Kartaġiniżi (550-200 Q.K.)**

**Mill-provi li għandna f'idejna s'issa nafu li fil-bidu ta' dik iċ-ċiviltà li tissejjaħ *"Temple Period Civilization"*, fil-Qala kien hawn komunità ta' residenti kbira biżżejjed biex itellgħu tempju għalihom.**

**Kif nuri aktar 'il quddiem din il-komunità kienet miġbura f'sitt *"settlements"* imxerrdin mit-tramuntana sa nofs-in-nhar qrib in-nofs tat-territorju li jissejjah Qala.**

**Iżda fi żmien il-Kartaġiniżi (550.200 Q.K.) il-komunita) tal-Qala kienet stabilita l-aktar fil-parti tal-lvant tar-raħal.**

## *EPOKA NEOLITIKA*
## IL-MIXTA

Madwar 5200 sena Q.K., jiġifieri 'l fuq minn sebat elef sena ilu, waslu Għawdex l-ewwel nies minn Sqallija u niżlu fil-punent tal-gżira. Kienet razza mogħtija għall-biedja, għalhekk ġarrew magħhom il-bhejjem meħtieġa għalihom u ż-żrieragħ għax-xogħol ta' l-egħlieqi.

F'Għawdex għamlu l-ewwel għamara tagħhom fl-egħrien tal-Mixta, fir-raba ta' Għajn Abdun ħdejn San Lawrenz.

## SANTA VERNA

Madwar mitejn sena wara li ġiet Għawdex din ir-razza kienet kibret biżżejjed biex tespandi u timxi lejn il-lvant tal-gżira.

L-ewwel post li għażlu għal *"settlement"* ġdid kien il-punent tal-għolja tax-Xagħra, illum aħna nafuh bħala Santa Verna.

Mill-istrati ta' taħt nett ta' Santa Verna **ttella'** xaqquf - *"sherds"* ta' l-istess kultura ta' żmien Għar Dalam, fil-waqt li xi sherds imtella' mill-Mixta juru kultura aktar bikrija.

Mill-għolja ta' Santa Verna dawn in-nies bikrin kienu jaraw tajjeb il-medda ta' l-egħlieqi f'nofs il-gżira. Sabu li kienet art tajba għall-biedja - tafli u ħamrija - *(clay and red soil)*. F'art bħal din setgħu jkabbru l-qamħ, xgħir, ful u ħxejjex oħra meħtieġa għall-ikel tagħhom u għall-għalf tal-bhejjem.

Għal dawn in-nies, l-aħjar siġra kienet iż-żebbuġa għaliex minnha barra mill-ikel kienu jieħdu wkoll iż-żejt.

## IL-ĠIGANTIJA

Madwar elf sena wara dan iż-żmien li semmejt ix-Xagħra kienet qiegħda tikber u tinfirex mhux biss bħala ċentru agrikolu iżda wkoll bħala ċentru reliġjuż kif jidher mill-bini tat-tempji tal-Ġigantija. Dan ġara madwar is-sena 3600 Q.K.

Minn dan iż-żmien 'il quddiem iċ-ċiviltà neolitika Għawdxija tissejjaħ *"Temple Period Civilization"*. It-tul ta' dan il-perijodu jinfirex fuq medda ta' ħdax il-mitt sena (3600-2500 Q.K.)

## IT-TEMPJU TA' BORG GĦARIB

Għall-bidu ta' dan il-perijodu nsibu ċentru ieħor reliġjuż u mportati ħafna fit-tramuntana ta' Għajnsielem fil-post illum magħruf bħala Borg Għarib. Il-ġebla tax-xewka ta' dan il-kompless ta' 150 metru kwadri għadha hemm. L-għoli tagħha jlaħħaq it-tliet metri u twassal kważi metru fil-ħxuna.

## IT-TEMPJU TAL-QALA

Kif semmejt qabel, il-popolazzjoni tal-gżira kompliet tikber u tersaq aktar lejn il-lvant. Il-wilġa kbira tal-Qala għammiela u kennija mill-irjieh tat-tramuntana, flimkien mal-wied tal-Marġa fin-nofs in-nhar tagħha kienet attrattiva ħajja għal dawk in-nies bikrin biex jersqu aktar lejn il-lvant.

Difatti l-lum għandna l-provi li f'dak l-istess żmien tal-Ġigantija, fil-Qala kien hemm mhux anqas minn sitt *"settlements"* - irħula żgħar b'numru ta' djar kull wieħed għall-abitazzjoni. Biċċa minn dawn is-*"settlements"* kixifhom Adrian Van der Blom fl-1988 f'waħda mill-qagħdiet tiegħu fil-Qala.

Tlieta minn dawn is-*"settlements"* kienu fit-tramuntana tar-raħal, f'dik il-parti magħluqa bi Triq Simar, Triq Biċċieri u t-Triq tal-Wileġ. Tnejn oħra kienu fin-nofs in-nhar tal-Ġebla l-Wieqfa. Wieħed fuq l-għolja tal-Ħotba, l-ieħor fil-parti llum imdawra bi Triq 28 ta' April 1688, Triq il-Wardija u Triq Hondoq ir-Rummien.

Is-sitt settlement, l-akbar wieħed mis-sitta, kien fl-inħawi tal-Ġebla l-Wieqfa, l-aktar għan-nofs in-nhar tagħha fil-witja tas-Salib.

Minn kull wieħed minn dawn is-settlements Van der Blom u jiena ġbarna numru rilevanti ta' *"sherds"* u minn dan in-numru kif ukoll mill-firxa mnejn ġbarnihom wieħed jista' jiddeduċi d-daqs ta' kull *"settlememt"*.

L-ewwel ġabra ta' *"sherds* minn ħdejn *is-settlement* tal-Ġebla l-Wieqfa ħalliet aktar minn mija u għoxrin biċċa, fosthom xi biċċiet tassew interessanti. Tfittxijiet oħra rrendew iżjed.





Ta' min ifakkar hawn li dawn il-biċċiet ta' xaqquf inġabru minn post li ilu jiġi mqalleb għax-xogħol bil-moħriet u bl-imgħażqa għal aktar minn ħamest elef sena.

Il-*potsherds* li ġbarna minn dan is-*settlement* huma tal-kultura ta' żmien it-tempju tal-Ġgantija, ta' Hal Saflieni u ta' Tarxien.

F'uħud minnhom insibu nċiżi disinji tassew elaborati. Jidher li l-*potsherds* li qed insemmi huma fdal ta' fuħħar intiż għall-kult u għas-sagrifiċċi eċċ u mhux għall-użu familjari fid-djar.

Kollezzjoni minn dawn il-*potsherds* klassifikati skond iż-żmien u l-post mnejn ġew miġbura qiegħda f'waħda mill-vetrini tal-mużew parrokkjali tal-Qala. Ma' kull parti hemm daqsxejn ta' tifsira għall-konvenjenza ta' min irid jara, miktuba minn Dr Ad. Van der Blom.

Adrian Van der Blom hu arkeologu u storiku ta' l-arti. Preżentement hu d-Direttur ta' Ċentru Storiku ta' l-Arti f'Amsterdam, l-Olanda.

Il-*potsherds* li semmejt miġbura minn ħdejn il-Ġebla l-Wieqfa huma prova oħra li din il-Ġebla hi fdal ta' Tempju Neolitiku.

Il-faċċata tat-tempju kienet tħares lejn nofs in-nhar, l-istess bħal dik tal-Ġigantija u ta' Marżiena.

L-istess ukoll bħal fil-Ġigantija u f'Borg Għarib il-Ġebla l-Wieqfa kienet il-ġebla tax-xewka tat-tempju tal-Qala. Il-faċċata tagħha li tħares lejn nofs in-nhar hi aktar ċatta mill-faċċata tan-naħa ta' wara. Tidher hekk ċatta l-aktar fil-parti t'isfel li hi mniżżla fil-ħamrija. Tixbah ħafna wkoll lill-ġebla tax-xewka tat-tempju ta' l-Imġarr f'Malta. Hi kważi ta' l-istess daqs ta' din, mill-istess kwalità ta' ġebel u bl-istess funzjoni, jiġifieri ta' ġebla tax-xewka.



### *PROVI OHRA*

Bħali għad hemm nies minn dan ir-raħal li jiftakru l-ġebel kbir li kien idawwar l-egħlieqi ta' ħdejn il-Ġebla l-Wieqfa. Dan il-ġebel kien ferm akbar minn dak li naraw il-lum fl-egħlieqi tagħna. B'xorti ħażina, il-ġebel ta' ħdejn l-Wieqfa sparixxa ma' l-iżvilupp tal-post meta ngħata l-permess għall-bini tad-djar. F'post qribha għad fadal xi ftit minn dan il-ġebel. Nittama li xi darba għad jerġa' jinġabar ħdejha. Fil-proċess ta' l-iżvilupp, ir-*"roller"* li kien ipoġġi magħha ntefa' fit-triq, mnejn inġabar. Illum jinsab merfugħ biex meta jasal il-waqt jerġa jmur ħdejha, jiġifieri jpoġġi magħha fil-grigal tagħha fejn kien.

### ORNAMENT ŻGĦIR TA' RĦAM FORMA TA' MANNARA

*(AXE AMULET)*

Bħall-*potsherds* li semmejt hi ta' mportanza kbira għal dan l-istudju l-ornament żgħir forma ta' mannara, ta' rħam ħadrani skur li jien sibt fin-naħa ta' nofs in-nhar tal-Ġebla l-Wieqfa fis-sena 1969.



Dan l-ornament maħdum b'raffinatezza tal-għaġeb hu tal-perijodu ta' Hal Saflieni (3300 - 3000 Q.K.) Hu oġġett rari tal-qima. It-tul tiegħu hu ta' tliet kwarti ta' pulzier, b' nofs pulzier wisa'. Il-ħxuna fin-nofs kważi tilħaq it-3/16 ta' pulzier u tonqos ' il fuq u 'l isfel u fil-ġnub, biex tifforma mannara ċkejkna.

Min u biex għamel dik it-toqba biex l-ornament jiddendel minnha u jintlibes?

Ta' min ifakkar hawn, dak iż-żmien la kien hawn ħadid l-anqas bronż biex minnhom isiru l-għodda għal xogħol ta' din l-għamla. Aktar ma naħseb fuq dan l-ornament aktar nifhem li t-toqba kienet l-ewwel xogħol. Wara li lesta t-toqba l-artist (jew artista?) ħareġ il-forma tal-mannara bl-għarik tagħha ma' xi samma oħra qawwija bir-ramel bejniethom. Min jaf?!...

Fejn inħadem dan l-ornament? Hawn min wera' l-fehma li ornamenti bħalu (*axe amulets)* kienu mpurtati minn Sqallija. F'Għawdex u f'Malta m'għandniex ġebla bħal dik li l-mannara ġiet magħmula minnha. Iżda jista' jkun li ġebel bħal dan kien impurtat fil-gżira għaliex ftit bogħod mill-Ġebla l-Wieqfa nġabret ġebla żgħira ta' l-istess materjal u kulur tal-mannara jiġifieri ġebla ta' rħam ħadrani skur b'tikek suwed u vini bojod li tista' tiġi llustrata.

Il-mannara li sibt hi prova oħra li l-Ġebla l-Wieqfa hi fdal ta' tempju neolitiku.

### OKER AĦMAR.

*(RED OCHRE)*

Jixhdu wkoll li l-Ġebla l-Wieqfa hi fdal ta' tempju neolitiku l-biċċiet ta' oker aħmar li sibna fit-tfittxijiet li għamilna. Waħda minn dawn il-biċċiet qegħda fil-vetrina tal-Mużew Parrokkjali ħdejn il-*potsherds* li semmejt aktar 'il fuq.

In-nies ta' dawk iż-żmenijiet imbagħda kienu jużaw l-oker aħmar fir-rit tad-dfin u wkoll biex iżejnu l-fuħħar li kienu jħallu mal-kadavri. Fuq xi biċċiet mill-*potsherds* li ġbarna jidher il-lewn ta' l-oker aħmar.

### IL-POST TAT-TEMPJU

L-istess post tat-tempju jagħtina prova oħra ta' l-eżistenza tiegħu.

Kif diġa semmejt, il-Ġebla l-Wieqfa tħares lejn nofs in-nhar fuq art tajba għall-biedja. Il-witja ta' madwarha, tafli u ħamrija - *"clay and red soil"* - kienet post ideali għall-bini ta' tempju skond il-mentalità taż-żmien.

Studju tal-postijiet tat-tempji neolitiċi fi gżiritna juri li n-nies ta' żmienhom ma kienux jibnu t-tempji fejn ġie ġie. F'dak iż-żmien, meta d-djar kienu egħrejjex baxxi u mhux għoljin bħad-djar tal-lum, minn fejn it-tempju tal-Qala wieħed kien jara tajjeb it-tempju ta' Borg Għarib f'Għajnsielem u lil hinn minnu dak ta' Borg l-Imramma f'Ta' Ċenċ. It-tlieta kienu f'linja dritta. Minn dak ta' Borg l-Imramma kienu jidhru wkoll dawk ta' Santa Verna u tal-Ġgantija fix-Xagħra.

Minn dan forsi wieħed jista' jikkonkludi li d-dehra ta' tempji oħra mill-post ta' kull tempju kienet ħaġa mhux biss mixtieqa iżda wkoll ordnata. Żgur li kellha xi tifsira valida.

L-istess wieħed jista' jgħid għas-*settlements*. B'*settlement* nifhem ġabra ta' numru ta' djar flimkien




bħal raħal żgħir.

Is-*settlements* tal-Qala kienu komunitajiet żgħar, kull wieħed minnhom b'ċerta ndividwalità iżda dejjem b'xi rabta ma' l-oħrajn. Per eżempju kull *settlement* kien jidher mill-oħrajn u minn kull wieħed kien jidher it-tempju.

Donnha kienet regola wkoll li minn kull *settlement* kellu jidher it-tempju. Dan wieħed jinnotah faċilment f'dawk tal-Qala. F'dan ir-raħal, pereżempju, kien hemm postijiet aktar sbieħ u aħjar għas-*settlements* minn dawk magħżulin, iżda minnhom it-tempju ma kienx jidher.

Għan-nies ta' dawk iż-żmenijiet it-tempju kien is-simbolu tal-*"goddess"* (alla mara). Kif jaħseb Van der Blom, wisq probabbli li t-tempju tal-Qala kellu żewġ bibien - *"triliths"* - It-*trilith* kien bieb mibni minn żewġ ġebliet kbar weqfin u blata kbira fuqhom.

Wieħed mill-bibien kien iħares lejn nofs in-nhar fejn kien hemm tliet *settlements*. Il-bieb l-ieħor kien iħares lejn il-grigal fejn kienu t-tliet *settlements* l-oħra.

Għan-nies ta' dak iż-żmien il-*"goddess"* kienet il-prinċipju *(the principle)* - tal-ħajja - tat-twelid u tal-mewt u tar-ri-inkarnazzjoni - ċiklu ta' trasformazzjoni li kien jifforma l-idea prinċipali ta' dik iċ-ċiviltà mbegħda.

Dawn il-provi kollha flimkien, miġbura mill-istess post, ma jħallu l-ebda dubju li, elf sena qabel il-Piramidi ta' l-Eġittu fir-raħal tagħna kien hawn tempju neolitiku ta' żmien il-Ġgantija.

## IL-QALA PUNIKA

Il-medda ta' żmien it-tempji kienet waħda twila. Ħadet ħdax il-mitt sena. Kif ġa rajna, bdiet fis-sena 3600 u ġibdet sas-sena 2500 Q.K.

Tul dan iż-żmien il-Qala kienet post ta' ċerta mportanza kif jixhdu s-sitt irħula żgħar ta' madwar it-tempju.

Wara l-2500 Q.K. l-epoka magħrufa bħala żmien it-Tempji tispiċċa ħesrem. Xi ħaġa ġrat li ġabet dan it-tmiem. Van der Blom isemmi diversi kawżi. Hu possibbli li kien hemm xi kollass fl-agrikoltura. Forsi wkoll bdiet xi ġlieda bejn is-sessi mnissla mill-bidu ta' l-axxendent tar-raġel fuq il-mara. Jista jkun wkoll li kien dovut għal xi nvażjoni ta' barranin li keskset in-nies minn dawn l-inħawi għal postijiet interni u aktar żguri.

Hu x'inhu xi ħaġa ġrat; is-sejbiet ta' *"potsherds"* taż-żmien bejn 2500 u 750 Q.K. huma skarsi.




**XI POTSHERDS**

## IL-KARTAĠINIŻI

Qrib is-sena 750 Q.K. il-Kartaġiniżi bdew jikkolonizzaw il-gżejjer tagħna. Misserijiethom, il-Feniċi, kien ilhom li bdew jużaw il-portijiet ta' Malta għall-kummerċ u għall-mistrieħ sa minn 250 sena qabel, jiġifieri sa mill-1000 Q.K. Iżda kienu l-Kartaġiniżi li bdew jikkolonizzaw il-gżejjer bejn is-seklu tmienja u s-seklu seba' Q.K. wara li kienu waqqfu l-belt kbira tagħhom Kartaġni fit-tramuntana ta' l-Afrika fejn illum hemm Tunis.

Sas-sena 550 Q.K. il-ħidma tagħhom fil-qasam tal-kolonizzazzjoni kienet twettqet.

## *"TERRACING"* EGħLIEQI MTARRĠIN MIŻMUMIN BIL-ĦITAN TAS-SEJJIEĦ

Mill-gżejjer tagħna l-Kartaġiniżi riedu jipprovdu ikel għal pajjiżhom. Biex jilħqu dan il-għan fittxew li jaħdmu kull xiber possibbli tal-gżejjer. Għalhekk bdew proċess ta' *terracing* - bini ta' ħitan tas-sejjieħ biex iżommu l-ħamrija milli tiżżerżaq u titkaxkar 'l isfel fil-widien.

Biex jibnu l-ħitan kienu jeħtieġu kwantità enormi ta' ġebel u biex jiffrankaw iż-żmien u jħaffu x-xogħol tal-ġarr sabu għajnuna wisq siewja fil-kalati.

## IL-KALATI TAL-QALA

Darba l-Qala kellha medda mpressjonanti ta' dawn il-kalati. Iżda sal-bidu tas-snin tletin tas-seklu tagħna ħadd ma kien jaf bihom. Irrid ngħid ħadd ma kien jagħti każ tagħhom. Għall-bdiewa tagħna ma kellhom l-ebda tifsira. Kont jien li ħriġthom għad-dawl ta' l-istorja meta fis-sena 1933 għarraft bihom lil Sir Temi Zammit li ftit wara ġie l-Qala u wrejtu l-medda "tal-Maqjel" ħdejn Ras il-Qala. Kont jien ukoll l-ewwel wieħed li ktibt dwarhom f'publikazzjoni tiegħi fl-1971.



Minn din il-publikazzjoni l-Professur Joseph Aquilina ħa l-kelma Kalat/a u niżżilha fil-*"Maltese - English Dictionary"* 1987 p.607. Warajha niżżel ismi u l-isem tal-ktieb tiegħi mnejn ħadha.

Dr. H. Trump semma l-kalati tal-Qala *(cart ruts)* fil-ktieb tiegħu *"Malta an Archeological Guide"* 1972 p.60.

Rowland Parker u Michael Rubinstein immarkawhom fil-mappa tal-Cartruts fil-ktieb tagħhom, fl-1984 p.5.

Ftit snin ilu Prof. A. Bonanno waqt li kien qiegħed iħejji l-ktieb *"An Illustrated Guide to Prehistoric Gozo,"* ġie għandi flimkien ma' Rev. J. Bezzina biex nieħdu jara il-Kalati. Kiteb dwarhom fil-ktieb li semmejt. (1986). Semma wkoll fih l-*"axe amulet"* li kont urejtu fid-dar tiegħi.



Minn dak iż-żmien 'l hawn irnexxieli nsib medda oħra twila ta' kalati fi proprijetà privata fil-lvant tal-Qala qrib ħafna ta' l-ewwel medda.

Mingħajr l-iċken dubju hi kontinwazzjoni ta' l-ewwel medda, iżda parti minnha ġiet imħassra meta sar il-passaġġ li mill-**Maqjel** jieħu għall-għolja **Ta' Cotu.**

Il-kalati jerġgħu jitfaċċaw fuq medda żgħira f'Andar ix-Xagħri fit-tramuntata tal-Qala. Kien hemm medda oħra żgħira fuq Tal-Għassa ħdejn Hondoq ir-Rummien. Dawn ta' l-aħħar ġew meqruda flimkien ma' żewġ fogassi waqt il-qtugħ tal-ġebel minn dawk l-inħawi għall-*breakwater* ta' l-Imġarr.

Kont jien nerġa' ngħid li ġibt dawn il-meddiet ta' kalati għad-dawl ta' l-istorja.

Is-sena li għaddiet (1988) Adrian Van der Blom kixef żewġ meddiet oħra żgħar ta' kalati fil-Qala. Waħda fil-Wardija fin-nofs in-nhar u medda oħra żgħira ftit bogħod minn dik li kxift jien ħdejn Andar ix-Xagħri fit-tramuntana.

Kollha flimkien dawn il-meddiet ta' kalati jagħlqu lill-Qala f'nofs ċirku kbir.

It-*terracing* tal-egħlieqi miżmumin bil-ħitan tas-sejjieħ, waħda fuq l-oħra, qishom taraġ immens hu tassew impressjonanti f'dawn l-inħawi. Tarah fil-wied ta' Kordina, fir-raba ta' fuqu li jwassal għall-Andar ix-Xagħri,

fix-xaqliba tal-Ħażina u ta' Muxi li jinżlu lejn il-baħar fit-tramuntana, fil-grigal u fil-lvant. Taraħ fix-xaqliba tal-Wardija fin-nofs in-nhar tar-raħal. Taraħ ukoll sabiħ fiż-żewġt iġnub ta' Wied Biljun.

### *OQBRA PUNIĊI*

Tal-qagħda tal-Kartaġiniżi fil-Qala għandna prova oħra. Meta fis- sena 1964 kont immexxi l-Gozo Civic Council inkixfu oqbra puniċi fit-Triq tal-Kunċizzjoni waqt xogħlijiet publiċi.

Minn dawn l-oqbra ħarġu fuħħar sabiħ ta' żmienhom. Ħadt passi mmedjati. Ġbart il-fuħħar li stajt u għaddejtu lis-Sur Francis Mallia tal-Mużew Nazzjonali. Minn għandu, ftit wara waslu fil-Mużew ta' Għawdex. Sa ftit snin ilu ħdejn dan il-fuħħar miġbur mill-Qala kien hemm card (b'ismi) tgħid xi ħaġa dwarhom.

Xi sentejn ilu, uffiċjal tal-Mużew Nazzjonali neħħa din il-card...

### DJAR PUNIĊI

Prova oħra tal-Kartaġiniżi fil-Qala jagħtihielna Adrian Van der Blom. Is-sena l-oħra (1988) kixef żewġt idjar puniċi, waħda fit-tramuntana tas-Santwarju, l-oħra fix-xlokk tiegħu. Il-fuħħar miġbur minnhom jūri ċiviltà Puniko Hellenistika.



Ġgantija-phase

Qabel Van der Blom l-arċipriet Sultana ġabar numru sabiħ ta' *potsherds* puniċi mil-lvant tal-Qala. Biċċa minn dawn il-*potsherds* flimkien ma' oħrajn miġburin minn Blom u minni qegħdin fil-vetrina tal-Mużew Parrokkjali.

Mill-inħawi tal-Għolja ta' Cotu ġbarna numru tassew rilevanti ta' *sherds* puniċi. Jixhdu li dik in-naħa, fi żmien il-Kartaġiniżi, kien hemm villaġġ imdaqqas. Bejn il-550 u l-200 Q.K. il-Qala saret importanti daqs kemm kienet fiż-żmenijiet neolitiċi iżda fi nħawi differenti minn tagħhom.

Kienu l-Kartaġiniżi li taw l-isem ta' Qala lir-raħal tagħna.

*Bibliografija:*

T. Zammit: *Malta. The Islands and Their History.* (Second Ed. 1929.)
*The Copper Age Temples. Tarxien, Malta. (7th Ed 1980)*
Dr. H. Trump: *Malta. An Archeological Guide.* (1972.)
M. Morana: *The Hypogeum. A jewel of Ancient Malta.*
Rowland Parker: *The Cart-Ruts On* (1984)
Michael Rubinstein: *Malta And Gozo.*
A. Bonanno: *An Illustrated Guide To Prehistoric Gozo.* (1986)
Drs. Ad van der Blom: *Gozo: A Treasure Island of Prehistory.* ("Sunday Chronicle"; 30, Oct. 1988)
D. Bellanti: *Why Malta? Why Għawdex?* (2nd Ed. 1934)
E. Bradford: *Mediterranean. Portrait of a Sea.* (1970.)
B. Blouet: *The Story Of Malta.* (1972.)

*Għal kull xogħol ta'*
**Għamara, Sottospekki, Salotti, eċċ., u affarijiet taċ-Ċeramika u ħtiġijiet oħra tad-dar**
**bi Prezzijiet Moderati**
*irrikorru għand:*
**KELINU SPITERI LTD**
Factory & Showroom: 63A, Republic Str., Victoria, Tel. 556462.
Office: 1, Dun Karl Bondì Str., Victoria.

*Għall-aħjar*
***RITRATTI***
***u***
***VIDEO***
***FIT-TIEĠIJIET***
**ALVIN E. SCICLUNA**
*By the Bastion Road, Victoria, Gozo.* *Tel: 551936*